

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13068/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0301 (NLE)

ECOFIN 1217
UEM 462
FIN 1094
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 556 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 556 final.

Mehmuż: COM(2025) 556 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2025
COM(2025) 556 final

2025/0301 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

{SWD(2025) 276 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara li Spanja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) tagħha fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fis-17 ta' Ottubru 2023³, fl-14 ta' Mejju 2024⁴, fil-21 ta' Jannar 2025⁵, u fit-13 ta' Mejju 2025⁶ u fit-12 ta' Ġunju 2025⁷.
- (2) Fid-9 ta' Settembru 2025, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 17-il miżura.

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2.

³ ST 13695/23 INIT; ST 13695/23 REV 1 (en); ST 13695/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 9303/24 INIT; ST 9303/24 ADD 1.

⁵ ST 17099/24 INIT; ST 17099/24 ADD 1.

⁶ ST 8053/25 INIT; ST 8053/25 ADD 1.

⁷ ST 9583/25 INIT; ST 9583/25 ADD1; ST 9583/25 ADD 1 COR 1; ST 10408/25.

- (4) Spanja spjegat li l-mira 180 tal-miżura C12.I1 (Spazji tad-data settorjali u interoperabbli ta' valur għoli) taħt il-komponent 12 (Politika industrijali) ġiet emendata minħabba li naqqas il-piż amministrattiv fl-implimentazzjoni tal-mira, marbut mal-finanzjament tal-proġetti interoperabbli biex tingrana sinerġiji u azzjonijiet kumplimentari, li wassal għal tnaqqis fil-kostijiet *ex ante* filwaqt li nżamm l-istess livell ta' ambizzjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Spanja spjegat li partijiet minn 9 miżuri minnhom ma għadhomx jistgħu jinkisbu fil-forma attwali tagħhom, minħabba nuqqas ta' domanda jew domanda insuffiċjenti. Dan jikkonċerna l-mira 223 tal-miżura C14.I2 (It-tnedija ta' Pjattaforma ta' Destinazzjoni Intelliġenti tas-settur tat-turiżmu) taħt il-komponent 14 (Turiżmu), l-istadju importanti 236 tal-miżura C15.I1 (Il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tal-implimentazzjoni ta' networks: Estensjoni tal-broadband ultraveloċi), il-mira 238 tal-miżura C15.I2 (It-tisħiħ tal-konnettività fiċ-ċentri ta' referenza, il-muturi soċjoekonomiċi u l-proġetti tad-diġitalizzazzjoni settorjali), il-mira 239 tal-miżura C15.I3 (Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u għall-gruppi vulnerabbli), il-mira 240 tal-miżura C15.I4 (It-tiġdid u s-sostenibbiltà tal-infrastruttura) u l-mira 243 tal-miżura C15.I6 (Skjerament tal-5G: in-networks, il-bidla teknoloġika u l-innovazzjoni) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali). Dan jikkonċerna wkoll il-mira 292 tal-miżura C19.I3 (Ħiliet diġitali għall-impjiegi) l-istadju importanti 294 tal-miżura C19.I4 (Professjonisti tal-IT) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali) u l-mira 344 tal-miżura C23.I3 (Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva) taħt il-komponent 23 (Politiki Pubbliċi Ġodda għal Suq tax-Xogħol Dinamiku, Reżiljenti u Inklużiv). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Spanja spjegat li miżura waħda ġiet emendata minħabba li l-piż amministrattiv eċċessiv kien qed jikkawża dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna l-mira 288 tal-miżura C19.I1 (Ħiliet diġitali trażversali) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Wara l-emendi tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 u t-tnaqqis fil-kostijiet *ex ante*, Spanja talbet ukoll li jiżdiedu sitt miżuri ġodda. Dan jikkonċerna l-istadji importanti 498 u 499 tal-investment C32.I1 (Mobilità u infrastruttura ekoloġiċi u sostenibbli), l-istadji importanti 500 u 501 tal-investment C32.I2 (Restawr tal-infrastruttura tal-ilma, ambjentali u agrikola), il-mira 502 tal-investment C32.I3 (Opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li jaħdmu għar-rikostruzzjoni u r-rivitalizzazzjoni soċjoekonomika tat-territorji affettwati mid-DANA), l-istadju importanti 503 tal-investment C32.I4 (Il-prevenzjoni u l-għieda kontra d-diżastri naturali: il-komponent Spanjol il-ġdid tal-kostellazzjoni Atlantika (ESCA+)), l-istadju importanti 504 tal-investment C32.I5 (ICEX DANA u ICEX Aranceles) u l-istadju importanti 505 tal-investment C32.I6 (l-iskema ICO għall-appoġġ tal-kumpaniji affettwati mill-bidla fl-ambjent tariffarju globali) taħt il-komponent 32 (Appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza b'rispons għal diżastri naturali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Spanja jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2021 għandha tiġi emendata skont dan.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 75 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (11) L-emendi tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati mat-tnaqqis fl-allokazzjoni għall-miżura C2.I4 (Programm ta' riġenerazzjoni u l-isfida demografika) taħt il-komponent 2 (Implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Spanjola: Pjan ta' Riabilitazzjoni u Riġenerazzjoni Urbana) u l-miżura C23.I3 (Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva) taħt il-komponent 23 (Politiki Pubbliċi Ġodda għal Suq tax-Xogħol Dinamiku, Reżiljenti u Inklużiv). L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati wkoll mal-allokazzjoni għall-miżuri l-ġodda C32.I1 (Mobbiltà u infrastruttura ekoloġiċi u sostenibbli) u C32.I2 (Restawr tal-infrastruttura tal-ilma, ambjentali u agrikola) taħt il-komponent 32 (DANA). B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tal-ittaggjar klimatiku tal-miżura miżjuda u tal-miżuri mnaqqsa, l-emendi fl-RRP ta' Spanja jinvolve żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP b'0,1 %, minn 39,9 % għal 40 %. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 25,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mat-tnaqqis fl-allokazzjoni għall-miżuri C15.I1 (Il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tal-introduzzjoni ta' networks: Estensjoni tal-broadband ultraveloċi), C15.I2 (It-tisħiħ tal-konnettività f'ċentri ta' referenza, muturi soċjoekonomiċi u proġetti ta' diġitalizzazzjoni settorjali), C15.I3 (Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-gruppi vulnerabbli) u C15.I6 (Skjerament tal-5G: in-networks, il-bidla teknoloġika u l-innovazzjoni) taħt il-komponent 15 (Konnettività diġitali), il-miżuri C19.I1 (Ħiliet diġitali trażversali), C19.I3 (Ħiliet diġitali għall-impjiegi) u C19.I4 (Professjonisti tal-IT) taħt il-komponent 19 (Ħiliet diġitali), u l-miżura C23.I3 (Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva) taħt il-komponent 23 (Politiki Pubbliċi Ġodda għal Suq tax-Xogħol Dinamiku, Reżiljenti u Inklużiv) kif ukoll it-tneħħija tal-

miżura C15.I4 (It-tiġdid u s-sostenibbiltà tal-infrastruttura) taħt il-komponent 15 (Konnnettività diġitali).

- (14) L-emendi għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati wkoll mal-allokkazzjoni għall-miżuri l-ġodda C32.I2 (Restawr tal-infrastruttura tal-ilma, ambjentali u agrikola) u C32.I4 (Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diżastri naturali: il-komponent Spanjol il-ġdid tal-kostellazzjoni Atlantika (ESCA+)) taħt il-komponent 32 (DANA). B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tal-ittaggjar diġitali tal-miżura miżjuda u tal-miżuri mnaqqs, l-emendi fl-RRP ta' Spanja jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b'0,2 %, minn 25,8 % għal 25,6 %. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kostijiet

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (16) L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP emendat huma meqjusa raġonevoli u plawżibbli. Spanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kost totali stmat mhuwiex kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Għalhekk, il-klassifikazzjoni B hija ġġustifikata għall-RRP emendat.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (17) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Spanja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (18) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.
- (19) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandu jiġi sostitwit kompletament,

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (20) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Spanja huma ta' EUR 79 869 593 473. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Spanja, il-

kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, l-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat ta' Spanja għandha tkun ugwali għal EUR 79 854 183 024. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (21) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal Spanja li jammonta għal EUR 83 160 060 000 jibqa' l-istess.
- (22) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10150/2021 INIT, ST 10150/2021 ADD 1 REV 2 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Spanja tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandu jiġi sostitwit kompletament.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Spanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).